# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DEĊIZJONI NRU: 2981

**Kaz Numru : 4177/DP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Antonio's Barber Shop ltd**

**u**

**Boyaca Jimenez Maurizio**

*dwar allegat ksur ta' kuntratt ai termini al-art 36(12) tal-Kap 452 tal-liġijiet a' Malta*

<u>**Chairperson : Av Doreen Parnis M.Adv.,LLb Dip. LP; M.A. B.A., P.G.C.E.**</u>

**Nhar it-Tlieta 9 ta' April, 2024**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz ġie riferut lit-Tribunal Industrijali nhar l-4 ta' Lulju, 2023.

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tax-xhieda mressqa miz-zewġ naħat involuti, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti quddiem l-istess Qorti dan għax ma ġie pprezentat xejn iktar u ma xehed ħadd iktar quddiem dan it-Tribunal.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

B'Digriet maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati nhar l-4 ta' Mejju, 2023 *ai termini* l-artiklu 741(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta intbagħat quddiem it-Tribunal Industrijali u beda jistema' fl-4 ta' Lulju, 2023, quddiem l-istess Tribunal.

Ir-rikorrenti jgħid li skond l-artiklu 36 (12) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimat għandu jħallas lura s-somma ta' ħdax-il elf, erba' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€11,475) li hija ekwivalenti għal nofs is-somma li kellu jitħallas kieku temm il-kuntratt ta' mpjieg definit

skont il-kuntratt tax-xogħol maqbul bejn il-partijiet, li kien ġie ffirmat fis-16 ta' Ottubru, 2020. L-intimat jgħid ir-rikorrent ta r-rezenja tiegħu fit-22 ta' Lulju, 2022.

L-intimat minn naħa l-oħra fir-risposta jgħid illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija monka peress li ma ntalbitx dikjarazzjoni li l-konvenut ittermina l-imjieg mingħajr raġuni tajba u bizzejjed skond il-liġi, liema dikjarazzjoni hija essenzjali biex tinħoloq rabta bejn ir-raġunijiet tat-talba u dak li filfatt qed jintalab. Qal ukoll illi mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ttermina l-impjieg tiegħu stante raġuni tajba u bizzejjed skond il-liġi u *ai termini* ta' l-artiklu 36(14) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u wkoll l-intimat sab ruħu kostrett illi jittermina l-impjieg tiegħu stante *constructive dismissal*.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

**Antonio Camilleri** qal li huwa wieħed mid-diretturi ta' Antonio's Barber shop u l-intimat kien imjegat bħala barbier fuq bazi *full time*. Qal ukoll li huma tawh it-taħriġ. Huwa qal li l-mara tiegħu, Fleur Camilleri, hija direttur ukoll firmatarja wkoll fuq il-kuntratt ta' mpjieg. Huwa qal li hija tieħu ħsieb ix-xogħol tal-kitba u hu jara li jitmexxa l-ħanut. Huwa qal li l-intimat kellu kuntratt ta' erba' snin u ma komplix it-terminu kollu.
Għall-kontro-ezami ikkonferma li għandu 16-il barbier. Huwa qal li l-klijenti jibbukkjaw appuntament u huma jikkonfermawh, jew b'*messenger*, jew *WhatsApp*. Ħafna mill-bookings isiru *online*. Huwa qal li hemm persuna li tikkontrolla dawn l-appuntamenti izda ma kienx jaf ezatt min jagħmel dax-xogħol. Huwa kkonferma li minkejja l-kijenti jistgħu jagħzlu liema barbier jaqdihom, ir-rikorreti seta' jimblokka barbier milli jkollu appuntamenti jekk dan per ezempju ma jkunx dieħel għax-xogħol dak inhar li ntalab appuntament miegħu. Huwa qal li jekk l-intimat kien qed isib li jkollu ħafna sessions imblukkati dan għax ma kienx hemm talba mill-kijenti. Huwa kkonferma li hu nnifsu jew il-mara tiegħu jiddeċiedu jekk jimblukkawx sessions, avolja hemm persuna oħra li hija nkarigata mis-sistema u tirregola l-appuntamenti *online*.

**Fleur Camilleri** fil-kapaċita' ta' waħda mid-diretturi qalet li l-intimat kien barbier abbli ħafna. Hija qalet li kenet avzatu li jekk se jirrezenja se jkollu jħallas il-perjodu li kien fadallu jonora. Hija qalet li l-ewwel ma kienx attenda għal madwar tliet ġimgħat u ma bediex jirrispondi t-telefon. Kien ukoll daqqa jiddeċiedi li jmur u daqqa ma jmurx għax-xogħol.

Hija qalet li fittxet is-servizzi ta' konsulent fir-rizorsi umani biex jekk għall-inqas ma jridx jitkellem magħha, jitkellem miegħu. Hija qalet ukoll li meta kien marid, peress li jgħix waħdu, ħadet ħsiebu billi rat x'mediċini kellu bzonn, xtrathomlu u tathomlu u staqsietu wkoll għandux ikel u xorb. Hija qalet li għandhom klijenti leali ħafna u jibbukjaw anke minn sena qabel.

Wieħed jista' jibbukja b'divesi modi fosthom online. Hija qalet ukoll li jekk imbagħad wieħed mill-imjegati tagħha ma jitfaċċax għax-xogħol jaqgħu għaċ-ċajt mal-kljenti leali tagħhom. Hija qalet li l-aħħar xahar ta' mpjieg l-intimat beda daqqa jitfaċċa' u daqqa le u allura kellhom jimblukkaw il-kalendarju. Hija spjegat kif l-imjegati xorta jieħdu l-paga bazika anke jekk ma jkollhomx *bookings* u allura ma jkollhomx xogħol fil-ħin li huma suppost ikunu fuq il-post tax-xogħol. Qalet ukoll li l-impjegati jagħzlu l-ħinijiet huma kif iridu jaħdu minn qabel meta jiftehmu magħha biex jgħaqqdu erbgħin siegħa minn ġimgħa ta' sittin siegħa li jkun miftuħ il-ħanut. Hija qalet li huwa kien għazel li jaħdem mit-Tnejn sal-Ħamis mill-ghaxra ta' filgħodu sas sebgħa ta' filgħaxija, minbarra l-Erbgħa għax ikun ġurnata frank, u l-Ġimgha u s-Sibt sat-tmienja ta' filgħaxija. Hija qalet li darba minnhom dam tlett ijiem biex tfaċċa u fittxewh u ma sabuhx, wara rrizulta li kien l-isptar. Hija qalet li wara li qaltlu biex jitkellem mal-konsulnt tar-rizorsi umani, wara xahar iddeċieda li ma jidħolx iktar għax-xogħol u allura wara ġimgha li ma tfaċċax imblukkawlu l-kalendarju.

**Jimenez Mauricio Boyaca** qal li dam jaħdem madwar sentejn mar-rikorrent u beda propju qabel il-Covid. Ix-xhud qal li kellu kuntratt ta' erba' snin. Huwa qal li meta kien ikun irid ġurnata frank kienu jibbukjaw ġimgħatejn qabel u mhux bilfors jiġi aċċettat. Huwa qal li ma marx għax-xogħol fi tliet okkazzjonijiet, darba għax kien ma jiflaħx, darba kellu l-Covid u darba ma marx għax ma ħallsuhx fil-ġurnata li kien suppost jitħallas. Ix-xhud qal li darba mar u sab il-kalendarju tiegħu imblukkat. Huwa qal li dan kien ifisser telf ta' *commission* fuq kull qatgħa xahar. Huwa qal li kien ikollu madwar tmintax-il klijent kuljum u kien jieħu tliet ewro *commission* fuq kull klijent. Bil-kalendarju mblukkat dawn titlifhom. Huwa qal li kien oġġezzjona u anke kien sejjer għand l-awtoritajiet izda ma marx għax Fleur qaltlu li hu għandu x'jitlef jekk imur għax mhux qed iħallas taxxa. Huwa qal li tal-aħħar ġranet li ħadem baqa' ma tħallasx. Ix-xhud qal ukoll li kienu riedu jibagħtuh jaħdem fil-ħanut ta' Ħal Balzan, izda u ma riedx għax kien joqgħod viċin tal-ħanut ta' tas-Sliema u hu hemm daħal jaħdem u l-klijenti tiegħu kienu kollha minn tas-Sliema. Huwa qal li mbagħad irċieva ittra li fiha ntqal lilu li jrid iħallas madwar ħdax-il elf ewro. Huwa qal li kien bagħtilhom messaġġ fuq *WhatsApp* u wara dan il-messaġġ irċieva ittra ta' terminazzjoni.

**Konsiderazzjoni**

Sabiex it-Tribunal seta' jiddeċiedi jekk it-talba tar-rikorrent u li bdiet tinstema minn dan it-Tribunal nhar l-4 ta' Lulju, 2023 dwar allegat ksur ta' kuntratt u tenut kont ħdax-il fatt li ħarġu waqt dan il-proċess u ċijoe:

Li l-intimat beda jaħdem mar-rikorrent fis-16 ta' Ottubru, 2020 u telaq mix-xogħol fit-22 ta' Lulju, 2022 fuq bazi full-time għal erba' snin;

Li kien jagħmel xogħlu tajjeb izda għamel tliet ġimgħat ma jersaqx lejn ix-xogħol mingħajr ma jagħmel kuntatt mar-rikorrent;

Li l-intimat kien daqqa jmur u daqqa ma jmurx għax-xogħol;

Li l-intimat kien imwissi li jekk jirrezenja jkollu jħallas nofs is-somma li kieku qala' sat-tmiem il-kuntratt ;

Li minħabba l-irregolarita' ta' attendenza fuq il-post tax-xogħol, ir-rikorrent kellu jimblokka s-sezzjonijiet li l-klijenti setgħu jibbukkjaw u dan biex ma jaqgħux għaċ-ċajt mal-istess klijenti tagħhom ;

Li meta l-intimat kien ma jiflaħx, r-rikorrenti li kienet taf li jgħix waħdu, marret għandu biex tara x'għandu bzonn u xtratlu wkoll il-mediċina ;

Li l-intimat xorta baqa' jitħallas anke jekk ikollu l-kalendaju mblukkat u seta', kif filfatt għamel, jagħzel is-siegħat li jaħdem biex jgħaqqad l-erbgħin siegħa f'ġimgħa ;

Li r-rikorrent fittex is-servizz ta' konsulent tar-rizorsi umani u meta l-intimat ma baqax jattendi għax-xogħol imblukkawlu l-kalendarju ;

Li skond l-intimat stess ma attendix tliet darbiet;

Li jekk ikollu l-kalendarju mblukkat jitlef il-*commission*;

Li l-intimat irrifjuta li jintbagħat jaħdem ġewwa l-ħanut ta' Ħal Balzan u dan għax xtaq jibqa' fil-ħanut f'Tas-Sliema għax kien joqgħod viċin.

**Deċizjoni**

It-Tribunal f'dan il-kaz huwa affaċjat jiddeċied jekk filfatt l-intimat abbandunax il-post tax-xogħol u jekk kisirx il-kuntratt ta' mpjieg.

Dan it-Tribunal kellu jistrieħ kompletament fuq l-atti li kienu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u ma sema' l-ebda xhieda oħra u l-anqas ma ġew prezentati aktar provi. L-intimat ma deher qatt fl-ebda seduta li nzammet quddiem it-Tribunal, trattazzjoni ma saritx, izda r-rikorrent straħ fuq l-atti. Minn kif irrizultalu lil dan it-Tribunal, jidher ċar li r-rikorrent ma kellu qatt l-intenzjoni li jittermina lill-intimat. Jidher ukoll li r-rikorrent kellu kull intenzjoni li jonora l-

kuntratt maqbul u ħareg ċar ukoll li r-rikorrent kien jirrispetta sew lill-intimat u dan għax meta dan tal-aħħar kien marid u ma marx għax-xogħol, ħadu ħsiebu u s-Sinjura Camilleri, waħda mid-Diriġenti tal-kumpanija li magħha kien imjegat l-intimat, marret biex tixtrilu l-mediċina u rat jekk għandux ikel ġaladarba dan kien jgħix waħdu.

Il-fatt li r-rikorrent ried jitrasferixxi lill-intimat biex jaħdem minn ħanut ieħor li huwa wkoll parti mill-ħwenet fejn joffru servizz lill-klijenti u la ma kienx se jinbidillu n-natura tax-xogħol tal-intimat u l-anqas il-kundizzjonijiet, dan it-Tribunal ma jarax li l-intimat kellu għalfejn jirrifjuta jew jipprotesta u jiddeċiedi hu minn jeddu meta jattendi għax-xogħol u meta le mingħajr ma javza lil ħadd. L-intimat iddeċieda li ma jattendix aktar minn darba, allura r-rikorrent ma għamel xejn ħazin li ħa l-prekawzjonijiet kollha biex ma jitnaffrux il-klijenti tiegħu. Ir-rikorrent kellu jieħu ħsieb il-klijenti daqs kemm jieħu ħsieb il-ħaddiema, għax mingħajr il-klijenti, l-impjieg ta‘ kulħadd jiġi mhedded. Filfatt ir-rikorrent hekk għamel billi imblokka l-kalendarju tal-intimat biex ma jidħlux appuntamenti fuqu, la ma setax jistrieħ fuqu b'ċertezza. Irrizulta wkoll li l-paga ma ntemessitx izda l-*commission* minn fuq kull klijent intmesset, ħaġa li urtat lill-intimat. Dana kollu pero ma jagħtix raġun lill-intimat li jiddeċiedi hu li jitlaq u jgħid li dan sar bħala *contructive dismissal* bħala difiza wara li r-rikorrent talab li tigi onorata l-liġi tax-xogħol.

Għaldaqstant it-Tribunal qed jaqta‘ u jiddeċiedi li l-intimat għandu jħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħdax -il elf erba' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€11,475) u dan *ai termini* tal-artiklu 36(12) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**(Iffirmat)**
**Doreen Parnis**
**Chairperson**

**Wayne Micallef**
**Ghas-Segretarju**